CCT/43/14/S

Frans Gauci
Vs
Solar Engineering Limited

Illum 24 ta'Lulju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Frans Gauci pprezentata fil-25 ta'Frar,2014 u r-risposta tas-socjeta intimata Solar Engineering Limited ipprezentata fit-3 t'April,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, lix-xhieda u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni tal-partijiet maghmula fis-seduta tad-29 ta'Mejju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hsara f'solar water heater u b'konsegwenza ta' dak li ddeskriva bhala hela ta' hin, ir-rikorrent qed jitlob biex jizdidulu xaghrejn mal-garanzija kif ukoll is-somma ta' €300 rapprezentanti spejjez inkorsi biex mar jinhasel ghand haddiehor;

Illi jinghad fl-ewwel lok li hi responsabilita ta' kull persuna li se tiffirma dokument, li tezamina u tifhem l-istess dokument qabel tiffirma;

Illi kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li kwalsiasi ftehim inkluz garanzija ghandu jkun car u li jinftiehem minn kulmin jiffirmah;

Illi jigi mtenni dak enuncjat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-decizjoni taghHa tad-29 t'Ottubru,2004 u cioe: "...*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16...*"[1]

Illi s-socjeta intimata tikkontendi li hemm bzonn ta' "service" kull sentejn izda d-dicitura f'Dok AS1 tghid biss li "Servicing is recommended every 2 years";

Illi dan it-Tribunal ihoss li kull kummercjant ghandu jaghmel car il-kundizzjonjijiet imposti mal-garanzija biex din tkun cara f'mohh il-konsumatur li jkun se jiddeciedi fuq prodott partikolari;

Illi r-rapprezentant tas-socjeta intimata stess fix-xhieda tieghu jikkonferma li r-rikorrent seta' facilment isahhan l-ilma permezz tal-elettriku u b'hekk is-solar water-heater jahdem bhal 'geyser' minghajr il-bzonn li jmur ghand haddiehor biex jinhasel;

[1] "Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci noe et" (729/1993)

Illi jinghad ukoll li r-rikorrent ma gab ebda prova konkreta kif wasal ghat-talba ta' €300;

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal jerga' jtenni li kulmin joffri servizz ghandu jaghmilha facli ghal kull konsumatur li jinqeda' tajjeb u malajr kemm jista' jkun;

Illi mill-provi mressqa, it-talba ghal kumpens daparti tar-rikorrent mhijiex gustifikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Solar Engineering Limited filwaqt li jichad it-talbiet ta' Frans Gauci, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru